MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 2(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 13 ta' Frar 2013, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |

**Segretarju Eżekuttiv** Duncan Hall (D.H.)

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Quartery report Ottubru- Diċembru 2012
6. Budget 2013
7. Malta International Fireworks Festival
8. Jum San Girgor 2013
9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
10. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Edric Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja unanimament approva il-minuti bħala dokument korrett.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

## 3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku

3.1 Is-Sindku qal illi kienu avviċinawh diversi residenti li jabitaw fiż-żona ta' Triq il-Port Ruman rigward problema li kien qiegħed ikollhom sabiex jgħaddu bil-vetturi tagħhom lejn iż-żona imsemmija meta Xatt is-Sajjieda ikun magħluq għat-traffiku. E.M. żied jgħid illi fl-opinjoni tiegħu, fil-futur il-Kunsill Lokali kellu jieħu ħsieb jorganizza skema tat-traffiku li tippermetti lis-sewwieqa li jkunu jridu jidħlu fiż-żona imsemmija meta Xatt is-Sajjieda tkun magħluqa. Kien hemm qbil dwar din it-tema.

3.2 Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jimmodifika l-mod ta' kif jingħata ġieħ Marsaxlokk f'Jum il-Lokalita'. Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tiegħu, kellu jinħoloq kumitat magħmul minn membri indipendenti mill-Kunsill Lokali. Għal dan il-għan kellhom jitfasslu sett ta' regolamenti sabiex jinħolqu sett ta' kriterjili fuqhom kellha ssir l-evalwazzjoni. Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha gew diskussi fost l-oħrajn min kellu jkun maħtur fuq il-bord kif ukoll il-fatt illi d-deċiżjoni finali kellha tittieħed mill-Kunsill Lokali wara li jkun evalwa r-rakkomandazzjoni tal-bord. Kien hemm qbil unanimu li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha taħdem fuq din il-proposta.

3.3 Is-Sindku qal illi b'referenza għall-Masterplan li kien qiegħed jiġi diskuss mill-Awtorita' Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar huwa kien ta' l-ideja illi fuq il-bankina man-naħa tal-bini jiġu imwaħħla xi tip ta' barriers bil-għan illi jiġi stabbilit fejn għandhom jitpoġġew l-imwejjed u fejn għandu jitħalla passaġġ għall-pedonali. Is-Sur Micallef qal illi dwar din il-proposta, permezz ta' *network soċjali* huwa kien talab l-opinjoni tar-residenti tal-lokalita' li kienet intleqgħat tajjeb. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill kellu jevalwa l-possibilita' illi jressaq din il-proposta lill-MEPA għad-diskussjoni.

3.4 Is-Sindku qal illi b'referenza għal stqarrija li kienet inħarġet rigward mard relatat ma' tniġġiż tal-*power station* xtaq jinforma lill-kunsilliera preżenti illi l-istqarrija kienet inħarġet mingħajr ma' ġew ikkonsultati l-kunsilliera kawża ta' l-urġenza tal-każ. Huwa żied jgħid illi kien qiegħed jikkommetti ruħu illi fil-futur kemm il-darba jkun hemm każi simili kien ser iċempel lill-Kunsilliera sabiex jinfurmahom qabel tittieħed azzjoni.

*Is-Sur Edric Micallef ressaq proposta sabiex tinbidel il-proċedura tal-laqgħa u jkunu jistgħu jiġu diksussi items 5,6,7 u 8 qabel l-items ohra kien hemm fuq l-aġenda. Din il-proposta għaddiet b'vot unanimu mill-Kunsilliera preżenti.*

## 5 Quarterly performance report October – December 2012

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Quarterly Financial report għall-perjodu Ottubru- Diċembru 2012. Huwa spjega kif bejn wieħed u ieħor id-dħul u l-infiq għall-kwart kkonċernat kien jirrifletti dak li kien ippjana l-Kunsill Lokali fil-budget. D.H. żied jgħid illi l-akbar varjazzjoni mill-budget kienet riflessa fl-infiq relatat mad-dwal tat-toroq. Dan kien dovut għal numru ta' lampi ġodda li kienu ġew imwaħħla peress li kienu meħtieġa.
Is-Sur Angelo Micallef ressaq proposta sabiex id-dokument tal-Quarterly Financial Report jiġi approvat hekk kif propost. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Stephen Caruana u għaddiet b'mod unanimu

## 6 Budget 2013

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill kopja ta' l-estimi annwali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2013. Huwa qal illi minħabba l-fatt illi l-parlament ma kienx approva budget għall-2013, l-estimi annwali inħadmu fuq l-ammont ta' fondi li l-Kunsill Lokali kien irċieva għall-ewwel terz ta' l-istess sena. D.H. qal illi minkejja l-fatt illi matul l-2013 l-ispejjeż li kien ser jidħol għalihom il-Kunsill Lokali kienu konsiderevoli xorta waħda kien qiegħed jiġi ppjanat illi tingħalaq is-sena b'bilanċ pożittiv li kien ser jammonta għal madwar €9 500. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi fl-estimi annwali kien ġie inkluż ukoll is-salarju ta' skrivan/a ġdida wara li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ħareġ l-awtorizzazzjoni. D.H. żied jgħid illi l-estimi annwali kienu jinkludu wkoll spiża kapitali ta' madwar €63 000.
Wara diskussjoni qasira is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex l-estimi annwali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2013 jiġu approvati hekk kif proposti. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Carmelo Bugeja u għaddiet b'mod unanimu.

## 7 Malta International Fireworks Festival

7.1 Is-Sindku qal illi matul l-aħħar ġimgħat kienu qiegħdin jiġu dikussi d-dettalji għall-Malta International Fireworks Festival 2013 li parti minnu kien ser isir fil-konfini ta' Marsaxlokk. Huwa żied jgħid illi l-ġurnata magħzula kienet il-Ġimgħa 26 ta' April 2013. E.M. qal illi kien qiegħed jiġi ppjanat illi l-attivita' tibda' fid-9:00 p.m. u tintemm bejn wieħed u ieħor fl-10:30 a.m. Għal dan il-għan l-Malta Tourism Authority, li kienet qiegħda torganizza l-attivita', talbet lill-Kunsill Lokali li jtella' xi attivitajiet f'dik il-ġurnata sabiex jikkumplimentaw l-ħruq tan-nar. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi minbarra l-ħruq tan-nar kien hemm il-possibilita' illi tittella fiera ta' l-artiġjanat b'madwar 20 esebitur fl-istess ġurnata.
Kien hemm diskussjoni qasira li matulha ġew diskussi fost l-oħrajn x'tip ta' attivitajiet seta' itella' l-Kunsill Lokali. Is-Sur Edric Micallef qal fl-opinjoni tiegħu il-Kunsill Lokali kellu jagħmel kuntatt mal-Għaqda Mużikali Pompei sabiex dakinhar tal-*festival* jittella' programm permezz tal-bandisti. Wara diskussjoni libera li matulha ġew diskussi diversi possibilitajiet, kien hemm qbil unanimu illi kellu jsir kuntatt mal-banda sabiex tintalab stima għas-servizzi msemmija. Ġie deċiż ukoll illi għal dakinhar ta' l-attivitajiet Xatt is-Sajjieda tkun magħluqa għat-traffiku u s-sidien ta' l-istabbiliment jingħataw il-possibilita' illi jpoġġu l-imwejjed u s-siġġijiet fil-karreġġjata.

## 8 Jum San Girgor 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-amministrazzjoni kienet qiegħda tħejji għal Jum San Girgor 2013. Għal dan il-għan kien jinħtieġ illi l-Kunsill jieħu deċiżjonijiet dwar il-bejjiegħa li jingħataw permess jarmaw posta għal dak il-jum partikolari. D.H. qal illi fost l-oħrajn kien hemm bżonn illi tittieħed deċiżjoni rigward l-ammont ta' posti li kienu ser jiġi allokati għal dik il-ġurnata flimkien mal-ġranet li fihom jiġu milqugħa l-applikazzjonijiet. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-applikazzjonijiet kellhom jiġu milqugħa minn nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu 2013 u l-posti kellhom jitħallew bħas-sena preċedenti. Is-segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill Lokali japprova l-preżenza ta' gwardjan lokali fl-uffiċċju waqt il-ħinijiet li jkunu qiegħdin jintlqegħu l-applikazzjonijiet. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jikri s-servizzi ta' gwardjan lokali hekk kif propost mis-Sur D.H.

*F’dan l-istadju 5:45p.m., is-Sur Edric Micallef talab illi jkun skuzat sabiex ihalli s-seduta minhabba impenji personali. Is-Sur Carmelo Bugeja, fil-kwalita’ ta’ Vici-Sindku ha post is-Sur Micallef u ghadda sabiex jippresiedi s-seduta.*

## 4 Korrispondenza

4.1 Permezz ta’ e-mail datat 21 ta’ Jannar 2013, is-Sur Adrian Mifsud f’isem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokal illi t-talba li kien għamel il-Kunsill Lokali sabiex ikun jista’ jimpjega skrivan/a fi skala 15 kienet ġiet milqugħa. Is-Sur Mifsud talab lll-Kunsill Lokali sabiex jitlob l-approvazzjoni tal-Korporazzjoni għall-Impjieg u t-taħriġ.

4.2 Permezz ta’ e-mail datat 25 ta’ Jannar 2013 is-Sur Keith Cutajar, f’isem Malta Motorsport and Tourism (MMT) talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi jingħata permess sabiex fi Pjazza Madonna ta’ Pompei ikun hemm static display ta’ erba’ vetturi flimkien ma’ tinda żgħira u żewġ imwejjed għal ġurnata waħda biss ( il-Ħadd). Is-Sur Cutajar qal illi l-għaqda tiegħu kienet qiegħda tiġbor firem sabiex f’Malta ikun issir Multi-Purpose Race-Track facility. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba sakemm l-attivita’ msemmija ma’ toħloq ebda inkonvenjent li terzi.

4.3 Ittra datata 14 ta’ Jannar 2013, is-Sur Michael Borg talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella’ l-opra tal-baħar tiegħu bl-isem Free Willy fuq l-art fiż-żona tal-magħluq għal perjodu ta’ għaxart’ijiem minħabba li kellu bżonn jagħmel xi manutenzjoni. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

4.4 Permezz ta’ ittra datata 16 ta’ Jannar 2013, is-Sur Mario Mifsud talab permess lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella’ l-opra tal-baħar tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni S17910 fuq l-art fiż-żona tal-magħluq. Is-Sur Mifsud qal illi x-xogħol li kien qiegħed jippjana li jwettaq kellu jkun lest sa tmiem Marzu 2013. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

4.5 Permezz ta’ ittra datata 29 ta’ Jannar 2013, is-Sur Gaetano Carabott talab permess lill-Kunsill Lokali sabiex ikun jista’ itella’ l-jott tiegħu fuq l-art fiż-żona tal-magħluq. Is-Sur Carabott informa lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba jinħareġ il-permess huwa kien qiegħed jikkommetti ruħu illi jneħħi l-opra tal-baħar minn fuq l-art sa tmiem April 2013. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

4.6 Permezz ta’ e-mail datat 21 ta’ Jannar 2013, is-Sur Stanley Portelli f’isem Trasnport Malta informa lill-Kunsill Lokal illi kawża tal-fatt illi l-budget nazzjonali ma kienx ġie approvat, ma setgħetx tingħata risposta meta kien ser jingħata bidu għal xogħolijiet ta’ *restructuring* fi Triq l-Arznell.

4.7 E-mail datat 23 ta’ Jannar 2013 mingħand il-Perit Audrey Testaferrata deNoto li permezz tiegħu il-Kunsill Lokali ġie infurmat illi talba li kienet saret sabiex Triq San Ġużepp tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħin tad-dutrina ma kenitx ġiet milqugħa. Il-Kunsill Lokali ġie mħeġġeġ sabiex jittieħdu miżuri ta’ sigurta’ oħra għas-sigurta’ tat-tfal. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu japplika sabiex isiru *traffic calmers* fit-triq ikkonċernata.

4.8 Permezz ta’ e-mail datat 31 ta’ Jannar 2013, il-kumpanija Gauci Borda kienet ikkwotat is-somma ta’ €550 għal żewġ bnadar ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien ġie mitlub jiġbor kwotazzjoni għax-xiri ta’ żewġ bnadar minn xi kunsilliera peress sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw ma’ arblu li l-Kunsill Lokali kellu f’Xatt is-Sajjieda. Għal dan il-għan l-amministrazzjoni kienet ħadet ħsieb tiġbor il-kwotazzjonijiet meħtieġa u minbarra dik tal-kumpanija Gauci Borda inġabru kwotazzjonijiet mingħand is-Sur Mario Muscat (€813) u Jon David Ltd (€784).

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kellha tintalab ukoll kwotazzjoni lil residenta li fil-passat kienet għamlet xogħol simili għall-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-parir tas-Sur Grech. Kemm il-darba l-kwotazzjoni li jirċievi l-Kunsill Lokali tkun ogħla minn dik tal-Kumpanija Gauci Borda, il-Kunsill Lokali kellu jordna l-bnadar mingħand Gauci Borda & Co.Ltd. għall-prezz stipulat ta’ €550

4.9 Permezz ta’ e-mail datat 30 ta’ Jannar 2013, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsill Lokali jiddikjara l-ammont ta’ fondi *(co-financing)* li kien lest li joħroġ għal proġett li kien jaqa’ taħt il-Kappa ta’ l-Unjoni Ewropeja u li għalih l-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk kien wera’ l-interess tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dwar l-istess tema, il-Kunsill Lokali kien ġie infurmat illi kawża ta’ problemi burokratiċi li kienu inqalgħu, l-applikazzjoni għal dan il-proġett kienet waqgħet u l-proġett kien intilef. Għaldaqstant, ma kien hemm bżonn li tittieħed ebda deċiżjoni mil-Kunsill Lokali f’dan ir-rigward.

4.10 Permezz ta’ e-mail datat 29 ta’ Jannar 2013, is-Sur Dennis Fava talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi jiġi allokat posta fis-Suq fil-beraħ li jarma ġewwa l-lokalita’ nhar ta’ Ħadd. Is-Sur Fava qal illi huwa kellu l-permess ta’ market hawker u xtaq jopera bħala bejjiegħa bejn Jannar u Ġunju sabiex ikun jista’ jbigħ prodotti agrikoli li kien jipproduċi huwa stess. Wara disksussjoni qasira dwar din it-tema, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbagħat e-mail lis-Sur Fava li permezz tagħha l-istess Sur Fava jiġi infurmat illi fis-suq fil-beraħ ma kienx hemm posti disponibbli.

4.11 Permezz ta’ e-mail datat 25 ta’ Jannar 2013, is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadda lill-Kunsill Lokali kopja ta’ rakkomandazzjoni ta’ l-ombudsman rigward permessli li jinħarġu mill-Kunsilli Lokali għal attivitajiet qosra. Permezz ta’ ittra datata 21 ta’ Diċembru 2012, l-Ombudsman irrakkomanda illi meta jinħarġu permessi għal attvitajiet qosra għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-MEPA u awtoritajiet oħra responsabbli sabiex ikun hemm kordinament.

4.12 Permezz ta’ e-mail datat 6 ta’ Frar 2013, l-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi japprova ħlas ta’ €20 għall-Performance Rights Society. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-ħlas għandu jiġi effettwat hekk kif mitlub.

4.13 Permezz ta’ e-mail datat 7 ta’ Frar 2013, il-Kunsill Lokali informa lill-Perit Noel Gauci f’isem Transport Malta illi sid ta’ art fi Triq l-Għoljiet ta’ Ġuno ma kellu ebda oġġezzjoni kemm il-darba jingħata l-konkos fuq l-art tiegħu sabiex ikun hemm aċċess adegwat għall-istess triq. Il-Kunsill Lokali filwaqt li annetta dikjarazzjoni ta’ sid l-art in-kwistjoni talab lill-Perit Gauci jieħu l-passi neċessarji sabiex ikunu jistgħu isiru ix-xogħolijiet.

4.14 Ittra datata 30 ta’ Jannar 2013 li permezz tagħha il-Kunsill Lokali talab lil Marsaxlokk F.C. jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex Marsaxlokk Amateur Football Club ikun jista’ jagħmel użu minn grawnds tal-futbol fi Triq il-Kavallerizza. Dan skond ftehim eżistenti bejn il-Kunsill Lokali u Marsaxlokk FC.

4.15 Permezz ta’ ittra datata 16 ta’ Jannar 2013, il-Kunsill Lokali talab lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali jevalwa l-possibilita’ illi faċilitajiet ta’ *hardstanding* li kien qiegħed jiġi propost li jsiru fil-ponta tal-qrajten, jiġu mċaqilqa bi ftit metri u minflok isiru fuq sit illi preżentement huwa wkoll proprjeta’ tal-Gvern. Il-Kunsill Lokali saħaq illi minbarra l-fatt illi d-distanza bejn iż-żewġ siti kienet minima, kemm il-darba tiġi milqugħa l-proposta tal-Kunsill Lokali kien ser ikun possibbli illi x-xatt jitħalla aċċessibbli għall-pedonali u għal skopijiet rikrejattivi.

4.16 Permezz ta’ ittra datata 1 ta’ Frar 2013, il-Kunsill Lokali ħareġ avviż ta’ default in performance lis-Sur Ricky Caruana, kuntrattur responsabbli mil-latrini pubbliċi. Dan wara li l-Kunsill Lokali kien irċieva xi ilmenti, li kienu ġew verifikati, illi l-livell ta’ indafa fil-latrini pubbliċi ma kienx wieħed soddisfaċenti.

**9 <u>Approvazzjoni ta’ Ħlasijiet</u>**

9.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li ġiet issekondata mis-Sur Steven Grech il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti li huma nklużi fl-Iskeda ta’ Pagamenti (Skeda Nru 02/13) li hi annessa ma’ u li tifforma parti minn dawn il-Minuti.

**9 <u>Affarijiet oħra</u>**

9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi b’referenza għal-applikazzjoni li kienet saret sabiex issir *sub-station* ta’ l-elettriku fi Triq il-Kavallerizza u wara li l-Kunsill Lokali kien esprima d-dubji tiegħu rigward is-sit identifikat, kien żamm laqgħa ma’ rappreżentanti ta’ Enemalta sabiex tiġi ċċarata din il-kwistjoni. D.H. ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill pjanta li kien ingħata minn Enemalta li kienet tindika illi s-*sub station* kienet ser issir taħt il-livell tat-triq bl-aċċess ikun minn taraġ eżistenti. Wara diskussjoni qasira dwar din it-tema kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għall-bini tas-Sub station kemm il-darba l-iżvilupp isir hekk kif propost fuq il-pjanta.

9.2 Is-Sur Carmelo Bugeja staqsa fiex kien wasal il-proċess ta’ sejħa għall-offerti li kien qiegħed jiġi ppjanat li tinħareġ għal playing field ġdida fi Triq il-Wilġa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif id-dokument tas-sejħa kien kważi lest u kien jonqos biss illi l-Perit tal-Kunsill Lokali jgħaddi *soft copy tal-bills of quantities*. Kien hemm qbil unanimu illi kellha ssir pressjoni fuq il-Perit Marven Ellul sabiex id-dokumenti jaslu għand il-Kunsill Lokali fl-iqsar żmien possibbli.

Il-laqgħa spiċċat fit-7:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar

| | |
|---|---|
| **Edric Micallef** | **Duncan Hall** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Data :**